# PARLAMENT EWROPEW

*2004* *2009*

*Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

**2007/2107(INI)**

29.11.2007

# ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar l-Agrikoltura sostenibbli u l-bijogass: il-ħtieġa ta' reviżjoni tad-dispożizzjonijiet ta' l-UE
(2007/2107(INI))

Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

Rapporteur: Csaba Sándor Tabajdi

(*)

Proċedura ma' kumitati assoċjati - Artikolu 47 tar-Regoli ta' Proċedura

## WERREJ

**Paġna**

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW ..............................3

NOTA SPJEGATTIVA ..........................................................................................10

## MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar l-Agrikoltura sostenibbli u l-bijogass: il-ħtieġa ta' reviżjoni tad-dispożizzjonijiet ta' l-UE**
**(2007/2107(INI))**

*Il-Parlament Ewropew,*

− wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-7 ta' Diċembru 2005 dwar il-'Pjan ta' azzjoni għall-Bijogass' (COM(2005)0628),

− wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni ta' l-10 ta' Jannar 2007 dwar il-'Pjan Direzzjonali għall-Enerġija Rinnovabbli - l-enerġiji rinnovabbli fis-seklu 21: nibnu futur aktar sostenibbli' (COM(2006)0848),

− wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-26 ta' Novembru 1997 dwar l-'Enerġija għall-futur: sorsi ta' enerġija rinnovabbli - White Paper dwar Strateġija Komunitarja u Pjan ta' Azzjoni' (COM(1997)0599),

− wara li kkunsidra d-Direttiva 2001/77KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Settembru 2001 dwar il-promozzjoni ta' elettriku prodott minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli fis-suq intern ta' l-elettriku[1],

− wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-26 ta' Mejju 2004 dwar 'Is-sehem ta' l-enerġija rinnovabbli fl-UE - Rapport tal-Kummissjoni b'konformità ma' l-Artikolu 3 tad-Direttiva 2001/77/KE, ***evalwazzjoni ta' l-effett ta' l-istrumenti leġiżlattivi u politiki oħra tal-Komunità dwar l-iżvilupp tal-kontribuzzjoni ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli fl-UE u l-proposti għal azzjonijiet konkreti'*** (COM(2004)0366),

− wara li kkunsidra l-Programm tal-Kummissjoni dwar 'L-Enerġija Intelliġenti - Ewropa[2] u l-Komunikazzjoni tagħha tat-8 ta' Frar 2006 dwar Strateġija ta' l-UE għall-Bijofjuwils' (COM(2006)0034),

− wara li kkunsidra d-Direttiva 2003/30/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Mejju 2003 dwar il-promozzjoni ta' l-użu tal-bijofjuwils jew fjuwils oħra rinnovabbli għat-trasport[3],

− wara li kkunsidra Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1782/2003 tad-29 ta' Settembru 2003 li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi diretti ta' appoġġ fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għall-bdiewa[4], u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005 ta' l-20 ta' Settembru 2005 dwar appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-

---

[1] ĠU L 283, 27.10.2001, p. 33.
[2] Deċiżjoni Nru 1230/2003/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta’ Ġunju 2003 li tadotta programm plurijennali għal azzjoni fil-qasam ta’ l-enerġija: "Enerġija Intelliġenti - Ewropa" (2003 — 2006), Ġ U L *176, 15.07.2003, p. 29.*
[3] ĠU L 123, 17.5.2003, p. 42.
[4] ĠU L 270, 21.10.2003, p. 1.

Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (EAFRD)[1],

- wara li kkunsidra d-Deċiżjoni Nru 280/2004/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Frar 2004 li tikkonċerna l-mekkaniżmu għall-monitoraġġ ta' l-emissjonijiet tal-Komunità ta' gass b'effett serra u biex jiġi implimentat il-Protokoll ta' Kyoto[2],

- wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 2003/96/KE tas-27 ta' Ottubru 2003 li tirriforma l-qafas tal-Komunità dwar tassazzjoni fuq prodotti ta' l-enerġija u l-elettriku[3],

- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-29 ta' Settembru 2005 dwar is-sehem ta' l-enerġija rinnovabbli fl-UE u l-proposti għal azzjonijiet konkreti[4],

- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-23 ta' Marzu 2006 dwar il-promozzjoni ta' prodotti tar-raba' għal skopijiet mhux ta' l-ikel[5],

- wara li kkunsidra l-Artikolu 45 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat tiegħu għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija u l-Kumitat għall-Ambjent (A6 0000/2007),

A. billi l-White Paper għall-Istrateġija Komunitarja u l-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Enerġija għall-futur - sorsi ta' enerġija rinnovabbli (COM(1997)0599) tistabbilixxi l-mira ta' żieda fir-riżorsi ta' enerġija rinnovabbli minn 6% fl-1995 għal 12% sa l-2010,

B. billi l-Kummissjoni stqarret fil-'Pjan ta' Azzjoni għall-Bijogass' tagħha li sabiex tintlaħaq din il-mira, il-kontribut ta' l-enerġija mill-bijogass irid jikber aktar mid-doppju,

C. billi l-agrikultura u l-forestrija fl-UE ikkontribwew sostanzjalment sabiex itaffu l-effetti tal-bidla fil-klima minħabba li l-emissjonijiet tal-gass b'effett serra mill-agrikultura naqsu b'10% bejn l-1990 u l-2004 fl-UE ta' 15-il pajjiż u b'14% fl-UE ta' 25 pajjiż, billi hu mistenni li sa l-2010 l-emissjonijiet mill-agrikultura Ewropea se jkunu 16% anqas mil-livell ta' l-1990,

D. billi hemm potenzjal qawwi għal żieda sinifikanti fil-produzzjoni tal-bijogass, partikolarment mill-kontribuzzjoni potenzjali mill-produzzjoni ta' l-annimali (demel), ħama (sludge), skart, u pjanti li mhumiex tajbin għall-produzzjoni ta' l-ikel jew ta' l-għalf bħala materjal preferut għall-bijogass,

E. billi s'issa 50 PJ biss ta' bijogass huma magħmula mid-demel, minn pjanti ta' l-enerġija, mill-ħama u mill-iskart organiku, waqt li l-potenzjal mid-demel biss hu ta' 827 PJ,

---
[1] ĠU L 277, 21.10.2005, p. 1.
[2] ĠU L 49, 19.2.2004, p. 1.
[3] ĠU L 283, 31.10.2003, p. 51.
[4] ĠU C 227E, 21.9.2006, p. 524.
[5] ĠU C 292E, 1.12.2006, p. 140.

F. billi l-produzzjoni tal-bijogass u l-istallazzjoni tal-bijogass huma mqassma b'mod irregolari fl-Ewropa, u dan juri li mhux qed jintuża l-potenzjal possibbli tiegħu,

G. billi l-bijogass jista' jiġi sfruttat f'ħafna modi utli, inklużi fil-produzzjoni ta' l-elettriku, fis-sistemi tas-sħana u tal-frisk u fil-fjuwil tal-karozzi, eċċ.,

H. billi l-użu tal-bijogass għall-elettriku għandu l-akbar benefiċċju fuq l-effett serra u l-użu tiegħu fit-tisħin hu meqjus bħala l-anqas li jiswa flus,

I. billi l-iżvilupp ta' l-istallazzjonijiet tal-bijogass ibbażati fuq pjanti ta' l-enerġija naqas konsiderevolment, minħabba ż-żieda qawwija fil-prezz taċ-ċereali, il-forniment ta' l-ikel u t-tħassib ambjentali,

J. billi t-tħassib fir-rigward tal-konnessjoni bejn il-produzzjoni tal-bijoenerġija (primarjament il-bijo-etanol u l-bijo-diesel) u ż-żieda fil-prezz taċ-ċereali u ta' l-ikel fis-suq dinji mhumiex relevanti għall-produzzjoni tal-bijogass ibbażat fuq id-demel ta' l-annimali, il-ħama, l-iskart organiku u prodotti sekondarji tar-raba' li mhumiex tajbin għall-produzzjoni ta' l-ikel jew ta' l-għalf, barra mill-fatt li hu f'kull każ meħtieġ l-ipproċessar sikur ta' dawn il-materjali,

K. billi d-demel fl-Istati Membri ġodda hu prinċipalment taħlita ta' 20% jew aktar ta' tiben u jieħu ż-żmien twil bejn il-produzzjoni tad-demel u t-tneħħija ta' demel li mhux tajjeb għall-fermentazzjoni,

**Il-Bijogass bħala risorsa vitali**

1. Jirrikonoxxi l-bijogass bħala risorsa ta' enerġija vitali li tikkontribwixxi għall-iżvilupp ekonomiku, agrikolu u rurali sostenibbli u għall-ħarsien ta' l-ambjent;

2. Jinkoraġġixxi kemm lill-Unjoni Ewropea kif ukoll lill-Istati Membri sabiex jisfruttaw il-potenzjal kbir li għandu l-bijogass bil-ħolqien ta' ambjent favorevoli kif ukoll biż-żamma u l-iżvilupp ta' skemi ta' appoġġ li jispiraw investiment fil-impjanti tal-bijogass u fis-sostenn tagħhom;

**L-Ambjent, l-Effiċjenza fl-Enerġija, is-Sostenibilità**

3. Jenfasizza li l-bijogass mid-demel għandu ħafna vantaġġi ambjentali, bħalma huma t-tnaqqis tal-metanu u ta' l-emissjonijiet tas-$CO_2$, tnaqqis ta' l-emissjonijiet ta' materja ta' partikoli u ta' l-ossidu nitrus, iħalli riħa li hi ħafna anqas offensiva, iġenizzazzjoni ta' demel likwidu u kapaċità akbar ta' fertilizzazzjoni tan-nitroġenu fid-demel trattat, li jfisser li jeħtieġ anqas nitroġenu biex jilħaq l-istess effett fertilizzant;

4. Jenfasizza li d-demel ta' l-annimali, id-drenaġġ muniċipali u l-iskart mill-agrikoltura u l-industrija jista' jkun fihom sustanzi (batterji, virusijiet, parassiti, ħadid tqil, sustanzi organiċi li jagħmlu l-ħsara) li jistgħu jkunu potenzjalment ta' theddida għas-saħħa

pubblika jew għall-ambjent; iħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex tiżgura li jittieħdu l-prekawzjonijiet adegwati ħalli tiġi evitata l-kontaminazzjoni u t-tixrid ta' dawn is-sustanzi u ta' kwalunkwe mard li jġibu magħhom;

5. Jiddikjara li l-użu ta' ħama u ta' skart ta' l-annimali jew organiku jtejjeb l-effiċjenza ta' l-istallazzjonijiet tal-bijogass; jiddikjara li l-problemi iġeniċi fil-każ ta' skart ta' l-annimali f'ħafna każi jistgħu jkunu faċilment ikkontrollati;

6. Jisħaq li, fil-futur qarib, huma mistennija żviluppi tekniki u ta' tmexxija li se jżidu l-benefiċċji ambjentali u tas-saħħa ta' l-impjanti tal-bijogass meta jintużaw id-demel, id-demel likwidu u l-iskart organiku;

7. Jemmen li dawn il-benefiċċji ambjentali jistgħu jwasslu biex ikunu aktar aċċettati l-ażjendi ta' l-annimali, li jiltaqgħu ma' għadd ta' problemi li jiġu minn numru dejjem jikber ta' ilmenti mill-ġirien u mill-pubbliku ġenerali;

8. Jirrimarka li l-istallazzjoni tal-bijogass li tuża d-demel, il-ħama jew l-iskart organiku tista' twassal għal rati għola ta' tnixxija ta' ammonja, imma jistqarr li dan l-effett sekondarju jista' jiġi kkontrollat b'mod relattivament faċli u għandhom jiġu integrati fil-liġijiet nazzjonali miżuri ta' prevenzjoni dwar l-istallazzjonijiet tal-bijogass kif ukoll għotjiet ta' għajnuna għall-istallazzjonijiet tal-bijogass;

**Vijabilità ekonomika u skemi ta' appoġġ,**

9. Itenni li kull għajnuna finanzjarja għall-istallazzjonijiet tal-bijogass għandha tkun ibbażata fuq l-effiċjenza, l-iżvilupp tekniku u l-bilanċ pożittiv ta' gass b'effett serra, il-valur miżjud fir-reġjuni rurali u vantaġġi oħra ekonomiċi u ambjentali ta' l-istallazzjonijiet;

10. Jenfasizza li l-produzzjoni tal-bijogass ibbażat fuq demel ta' l-annimali, il-ħama u skart ta' l-annimali u organiku għandha tingħata prijorità minħabba li s-sostenibilità u l-benefiċċji ambjentali ta' dawk il-metodi huma bla ekwivoku;

11. Jinnota li l-aħjar daqs ta' impjant tal-bijogass jiddependi minn diversi ċirkostanzi li jiddeterminaw l-ekonomiji ta' l-iskala, u li għandhom jiġu studjati sew;

12. Jenfasizza li bħala prekundizzjoni sabiex issir il-produzzjoni tal-bijogass, għandu jingħata appoġġ għan-rinnovazzjoni ta' l-istalel, li tiswa l-flus, sabiex jiġi projbit li t-tiben isir parti mid-demel u fejn meħtieġ it-tneħħija ssir kuljum;

13. Jenfasizza li jkun l-aħjar prattika għall-operaturi ta' l-impjant tal-bijogass li jikkumbinaw u jużaw kull materja organika disponibbli kemm mill-aspett ambjentali kif ukoll minn dak ekonomiku;

14. Jistqarr li hemm bżonn jibqgħu jingħataw fondi għall-istallazzjonijiet tal-bijogass ibbażati biss fuq impjant taħt sorveljar bir-reqqa u iffukar mill-ġdid fuq l-impjanti l-aktar

avvanzati u effiċjenti jew sistemi li jiżguraw il-vantaġġ ekonomiku u tekniku ta' l-Ewropa fil-qasam u jesplora għażliet għall-futur;

15. Jitlob lill-Kummissjoni sabiex tagħti rapport dwar kif il-kriterji ta' l-effiċjenza u sostenibilità ekonomika u ambjentali jistgħu jiġu introdotti għall-prodotti ta' l-enerġija li jwasslu għal din it-teknika relattivament ġdida li tħares l-ambjent, u tiżgura li l-produzzjoni u l-forniment ta' l-ikel ikunu indirizzati b'mod xieraq;

16. Ifakkar lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni li aktar żvilupp fil-bijogass mhux possibbli mingħajr aktar fondi; ifakkar li hemm bżonn li aktar fondi jmorru fir-riċerka u fl-iżvilupp, fil-promozzjoni ta' riżultati minn proġetti speċifiċi għall-istallazzjonijiet u għal appoġġ akbar għall-'green electriċity' u 'green gas';

17. Ifakkar li dawk l-Istati Membri li qed jagħtu aktar inċentivi għall-'green energy' permezz ta' sussidji suffiċjenti fil-prezzijiet jew permezz ta' miżuri oħra għandhom ukoll l-akbar suċċess fil-promozzjoni tal-bijogass;

18. Iqis li l-produzzjoni tal-'green gas' għandha tkun sussidjata l-istess bħall-'green electricity';

19. Jitlob li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jiżguraw li l-fondi mill-programmi Ewropej u dawk nazzjonali imorru għall-istallazzjonijiet l-aktar effiċjenti u sostenibbli, speċjalment għal stallazzjonijiet li jipproduċu l-elettriċità u s-sħana jew l-istallazzjonijiet ta' faċilitajiet u sistemi li jtejbu u jgħaddu tal-bijogass f'netwerk ta' gass naturali;

20. Jemmen li s-simplifikazzjoni tal-proċeduri ta' kummerċ bis-$CO_2$ jista' jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għall-vijabilità u s-sostenibilità ekonomika ta' l-impjanti tal-bijogass;

21. Jenfasizza li l-istallazzjonijiet tal-bijogass jistgħu jgħinu l-bdiewa li għad m'għandhomx biżżejjed post fejn jerfgħu d-demel biex isolvu din il-problema b'mod ekonomiku u vijabbli;

22. Jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri sabiex jiżguraw, li t-twaqqif ta' impjanti tal-bijogass kif ukoll l-awtorizzazzjoni għall-użu ta' skart organiku u ħama ma jkunux imfixkla minn proċeduri u regolamentazzjoni twila u burakratika bla bżonn;

23. Jinkoraġġixxi lill-bdiewa sabiex jikkoperaw fit-twaqqif u fit-tħaddim ta' l-impjanti tal-bijogass;

**Il-ħtieġa ta' reviżjoni tal-leġiżlazzjoni ta' l-UE**

24. Jitlob li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jiżviluppaw politka koerenti tal-bijogass; jitlob lill-Kummissjoni sabiex tippreżenta rapport speċifiku dwar il-bijogass u l-promozzjoni tiegħu fl-Ewropa bl-indikazzjoni tal-bidliet meħtieġa fil-liġijiet Ewropej u nazzjonali sabiex tiġi ffaċilitata l-espansjoni tas-settur tal-bijogass, waqt li juri l-modi l-aktar effiċjenti ta' l-użu ta' fondi u programmi kif ukoll jagħti eżempji ta' l-aħjar prattiki;

25. Jippromwovi l-adozzjoni ta' direttiva ta' l-UE dwar il-produzzjoni tal-bijogass li għandha tinkludi l-elementi li ġejjin:

   a) Miri speċifiċi għas-sehem tal-bijogass agrikolu fi ħdan il-mira tal-produzzjoni ta' l-enerġija rinnovabbli, per eżempju fil-forma tas-sehem tad-demel tal-bhejjem li hu diġestibbli, u waqt li jiġu meqjusa l-kundizzjonijiet agrikoli u s-sitwazzjoni fl-Istati Membri,
   b) Statistiċi annwali u rapporti dwar il-produzzjoni tal-bijogass agrikolu sabiex jista' jkun hemm segwitu għall-miri,
   c) Miżuri għall-kostruzzjoni u l-promozzjoni ta' l-istallazzjonijiet tal-bijogass ibbażati fuq evalwazzjoni ta' l-impatt nazzjonali u reġjonali, waqt li jiġu promossi dawk l-istallazzjonijiet li għandhom l-akbar benefiċċji nazzjonali u jew reġjonali għall-ambjent u huma ekonomikament sostenibbli; miżuri għat-tixrid u l-promozzjoni ta' riżultati akkwistati minn esperjenzi ta' qabel jew il-ħtieġa li jiġu inklużi fil-pjanijiet kollha proġetti dimostrattivi; jekk regolamentazzjoni dwar żvilupp reġjonali jew rurali ma jippermettux li jingħataw fondi għal dawn il-miżuri, ir-regolamentazzjoni hemm bżonn tinbidel,
   d) L-Istati Membri ta' l-UE għandhom jadottaw pjanar nazzjonali u reġjonali sabiex inaqqsu l-ostakoli legali u amministrattivi, per eżempju il-gass naturali jew fjuwils fossili oħra m'għandux ikollhom preferenza f'oqsma li huma fattibbli għall-bejgħ ta' sħana mill-bijogass għas-sħana kkontrollata mid-distrett,
   e) Rakkomandazzjonijiet għal-livell minimum u għall-mekkaniżmu ta' aġġustament annwali ta' ħlasijiet għall-'green-electricity' u 'green gas', li għandhom jibqgħu jinżammu għolja biżżejjed sabiex jiżguraw l-inċentiv meħtieġ għal investiment f'impjanti tal-bijogass. Parti mill-ħlas jista' jiġi żgurat permezz ta' Ċertifikati Ħodor;

26. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tippreżenta malajr kemm jista' jkun proposta għal direttiva dwar il-bijo-skart, li tinkludi standards ta' kwalità; jistieden lill-Kummissjoni sabiex tesplora l-possibilità ta' direttiva konġunta dwar il-bijogass u l-bijo-skart;

27. Jitlob lill-Kummissjoni sabiex tippreżenta proposti għal leġiżlazzjoni dwar l-użu ta' residwi mill-istallazzjonijiet tal-bijogass; jitlob lill-Kummissjoni sabiex tiżgura li l-materjal organiku użat fl-istallazzjonijiet tal-bijogass ma' jipprojbixxix l-użu ta' residwi; jitlob lill-Kummissjoni sabiex tikkunsidra projbizzjoni ta' 'sustanzi għat-tkabbir mgħaġġel' (growth enhancers) fl-għalf ta' l-annimali li jkollu metall tqil jekk dan se joħloq problema fl-Ewropa biex aktar tard jintużaw ir-residwi tal-bijogass fl-għelieqi;

28. Jitlob lill-Kummissjoni sabiex tiżgura li d-Direttiva IPPC, id-Direttiva dwar in-Nitrati, id-Direttiva dwar il-Ħama tad-Drenaġġ, id-Direttiva Qafas dwar l-Ilma, id-Direttiva Habitats u l-leġiżlazzjoni dwar il-Metall Tqil ikunu infurzati b'mod effettiv mill-Istati Membri kollha u r-reġjuni, b'hekk l-istallazzjoni tal-bijogass ibbażata fuq id-demel u l-ħama ssir aktar attraenti;

29. Jitlob li l-Kummissjoni tippreżenta, malajr kemm jista' jkun, strateġija li tinkludi l-istallazzjonijiet tal-bijogass fil-mekkaniżmu ta' Kyoto, per eżempju permezz ta' ċertifikati ħodor, premiums speċjali jew krediti tat-taxxi għall-elettriċità u s-sħana mill-istallazzjoni tal-bijogass jew permezz ta' miżuri oħra; ifakkar li dan imexxi 'l quddiem l-

istallazzjonijiet tal-bijogass li jkunu effiċjenti ekonomikament u fl-istess ħin jagħmlu l-isforzi ta' l-agrikultura fuq il-bidla fil-klima aktar trasparenti;

30. Jitlob lill-Kummissjoni sabiex tinkoraġġixxi li l-bijogass jiġi mgħoddi f'netwerks tal-gass naturali permezz ta' rakkomandazzjonijiet jew permezz ta' direttiva;

31. Jitlob lill-Kummissjoni sabiex tippreżenta, malajr kemm jista' jkun, il-proposti tagħha għal aktar titjib fl-użu ta' prodotti sekondarji ta' l-annimali u tar-raba' għall-bijogass kif imħabbar fil-'pjan ta' azzjoni Biomass';

32. Jitlob li l-Istati Membri li ma ħasbu għal ebda miżura jew ma għamlux biżżejjed miżuri fil-programmi eżistenti ta' żvilupp nazzjonali sabiex jinkludu l-bijogass fl-evalwazzjoni ta' nofs iż-żmien dwar il-programmi ta' żvilupp rurali u reġjonali eżistenti u jipproponu azzjonijiet għall-futur;

33. Jitlob lill-Kummissjoni sabiex tippreżenta rapport koerenti dwar il-produzzjoni tal-bijogass Ewropew lill-Parlament Ewropew sal-15 ta' Diċembru 2008 l-aktar tard, waqt li tqis il-proposti msemmija hawn fuq u l-progress li jkun sar;

34. Jagħti istruzzjoni lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, u lill-parlamenti u l-gvernijiet ta' l-Istati Membri.

## NOTA SPJEGATTIVA

### Il-vantaġġi ambjentali u ekonomiċi tal-bijogass

### I. Karatteristiċi ġenerali tal-produzzjoni tal-bijogass fl-Unjoni Ewropea

F'dan iż-żmien ta' żieda qawwija fil-prezzijiet taż-żejt, ta' żieda fil-prezzijiet tal-gass naturali, u ta' dipendenza konsiderevoli fuq l-importazzjoni ta' l-enerġija, aktar u aktar pajjiżi qed ifasslu liġijiet b'inċentivi sabiex jagħtu valur lill-enerġija potenzjali tal-bijogass, li tixbaħ u tista' tissostitwixxi l-gass naturali (il-bijogass fih bejn 55% u 65% ta' metanu).

Il-bijogass prodott f'impjanti agrikoli integrati għandu rwol importanti fost ir-riżorsi tal-bioenerġija u jista' jiġi użat bħala sors ta' enerġija universali. Wara ż-żieda fil-konċentrazzjoni tal-metanu, il-bijogass ippurifikat jista' jiġi użat sabiex iħaddem għodda mekkanika tal-produzzjoni, u permezz ta' hekk anke l-elettriku (dwal fil-bini u fis-siti fejn jitrabbew l-annimali); il-ħruq tal-bijogass jipproduċi sħana li tista' tintuża biex issaħħan jew tnixxef (plastic houses, serer, qamħirrun, postijiet fejn jitrabbew il-ħnieżer, u faċilitajiet pubbliċi). Il-bijogass jista' jintuża wkoll bħala fjuwil għall-magni li jkessħu (refriġerejter), jew għaċ-ċelloli tal-fjuwil. Biogass imtejjeb u bi pressjoni jista' jintuża bħala bijofjuwil li huwa adegwat għall-vetturi tat-triq. Il-bijogass miġbur minn ettaru ta' bijomass hu effettiv id-doppju tal-bijodiesel

Illum hemm madwar 4.242 razzett ta' l-iskala u madwar 26 impjant tal-bijogass ċentralizzat fl-UE, imma b'differenzi kbar minn Stat Membru għall-ieħor. Il-produzzjoni tal-bijogass hu l-aktar żviluppat fil-Ġermanja, fil-Belġju, fl-Awstrija u fid-Danimarka. F'ħafna pajjiżi l-impjanti tal-bijogass tar-razzet ta' l-iskala huma predominanti, imma d-Danimarka għandha l-akbar sehem fil-produzzjoni tiegħu f'impjanti tal-bijogass ċentralizzat. Il-produzzjoni annwali tal-bijogass minn impjanti agrikoli tal-bijogass fl-Ewropa sa nofs is-sena 2007 kien stmat li hu $1.85x10^9$m3 ta' bijogass (li fih 65% metanu). Il-potenzjal tal-produzzjoni tal-bijogass magħmul mid-demel fl-UE hi ta' 827 PJ (Petajoule) filwaqt li llum madwar 50 PJ qed jiġi prodott mid-demel ta' l-annimali, mill-prodotti ta' l-enerġija u mill-iskart organiku. Dan ifisser li hemm potenzjal ta' 14-il darba aktar ta' żieda fid-demel ta' l-annimali biss.

### II. Aspetti ambjentali

Il-bijogass mid-demel għandu ħafna vantaġġi ambjentali, bħalma huma t-tnaqqis tal-metanu u ta' l-emissjonijiet tas-$CO_2$, tnaqqis ta' l-emissjonijiet ta' materja ta' partikoli u ta' l-ossidu nitrus, riħa li hi ħafna anqas offensiva, iġenizzazzjoni ta' demel likwidu u kapaċità akbar ta' fertilizzazzjoni tan-nitroġenu fid-demel trattat, li jfisser li jeħtieġ anqas nitroġenu biex jilħaq l-istess effett fertilizzant.

Il-produzzjoni tal-bijogass (u għalhekk tal-metanu) f'sistema magħluqa u kkontrollata bħall-impjant tal-bijogass - u l-utilizzazzjoni sussegwenti tal-bijogass bħala sors ta' enerġija rinnovabbli permezz tal-kombustjoni - għandha effett pożittiv kbir fuq "l-ammont ta' l-emissjonijiet b'effett ta' serra". Taħt ċirkostanzi normali se jkun hemm emissjoni konsiderevoli ta' metanu mill-ħżin u mill-applikazzjoni tad-demel ta' l-annimali; meta jinġabar

il-bijogass mill-istallazzjonijiet tal-bijogass, l-emissjoni totali ta' metanu mill-agrikutura se tonqos meta mqabbla ma' xenarju li fih ma jkunx hemm impjanti tal-bijogass. Meta l-metanu jiġi mibdul f'enerġija u f'dijossidu tal-karbonju permezz tal-kombustjoni, ikun hemm proċess bil-maqlub fl-effett serra, għaliex is-CO2 jagħmel ferm inqas ħsara mill-metanu, u għaliex l-enerġija mill-kombustjoni tal-bijogass tieħu post l-enerġija meħuda minn sorsi ta' enerġija fossili.

L-emissjonijiet tas-CO2 minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli (bħall-kombustjoni tat-tiben, ta' l-injam u tal-bijogass) huma meqjusa newtrali, għaliex l-istess ammont ta' CO2 li jkun ħareġ permezz tal-kombustjoni jkun bażikament ġie assimilat l-ewwelnett mill-pjanti biex jipproduċi l-bijomass.

Il-Hydrogen sulphide (H2S) hu probabbli s-sustanza fil-bijogass li tingħata l-aktar attenzjoni meta wieħed jitkellem fuq periklu potenzjali. Metodi differenti jistgħu jintużaw biex tonqos il-konċentrazzjoni ta' l-H2S fil-bijogass; jew il-bijogass jiġi mnaddaf, per eżempju permezz ta' scrubber, jew billi ammont żgħir (bejn wieħed u ieħor 4%) ta' arja ġdida tiġi miżjuda fil-kontenitur tal-bijogass - per eżempju kontenitur tal-ħzin tad-demel likwidu, mgħotti u ssiġillat - fejn il-baktirja tal-wiċċ tad-demel likwidu tneħħi l-H2S. Vantaġġ ieħor ta' dan hu li s-sulfat jibqa' fid-demel likwidu biex jintuża għan-nutriment tal-pjanti aktar tard.

Sustanzi oħra jistgħu jkunu preżenti f'ammonti żgħar fil-bijogass. Jista' jkun hemm preżenza ta' Nitroġenu (N2) u ta' ossiġenu(O2) f'konċentrazzjonijiet ta' xi perċentwali (dan ikun tipikament il-każ jekk tiżdied l-arja ġdida fil-bijogass biex jitneħħa s-sulfat), imma dawn il-gassijiet ovvjament m'humiex ta' periklu għall-ambjent. L-idroġenu (H2) jista' wkoll ikun preżenti f'ammonti żgħar, imma jiġi eliminat waqt il-kombustjoni. Żewġ gassijiet li huma ta' periklu potenzjali, il-monossidu tal-karbonju (CO) u l-ammonja (NH3) jistgħu wkoll ikunu preżenti f'ammonti żgħar ħafna, imma jekk ikun hemm proċess ta' kombustjoni sikur u kkontrollat, is-CO jiġi kompletament eliminat. L-ammont ta' l-ammonja hu żgħir ħafna meta mqabbel mat-tnaqqis potenzjali tan-nitroġenu fl-ambjent li jirriżulta mill-użu mtejjeb tal-bijo-fertilizzant imqabbel mad-demel likwidu mhux trattat.

Għalhekk b'mod ġenerali, jekk il-bijogass ma jitħalliex b'mod effettiv inixxi mill-istallazzjonijiet, u jekk il-kombustjoni tal-bijogass issir f'kundizzjonijiet ottimali, l-effetti ġenerali fuq l-emissjonijiet mill-bidla tal-bijomass organiku għall-bijogass permezz ta' diġestjoni anerobika jkunu assolutament pożittivi. Mhux biss jitnaqqsu l-emissjonijiet tas-CO2 mill-użu ta' fjuwils fossili imma wkoll jitnaqqsu sew l-emissjonijiet l-oħra (metanu, eċċ.,) mid-demel ta' l-annimali eċċ., meta mqabbla ma' sitwazzjoni li fiha ma jkunx jeżisti impjant tal-bijogass.

## III. Aspetti ta' l-enerġija u l-ħtieġa ta' appoġġ nazzjonali u mill-UE

Il-produzzjoni tal-bijogass mill-fertilizzant ta' l-annimali hu pjuttost baxx (40-90 m3/t metri kubiċi kull tunnellata), ħafna aktar milli permezz taċ-ċereali (170-220 $m^3/t$), u ħafna aktar mill-materjal industrijali ta' l-ikel (l-aktar il-fdalijiet u l-iskart tal-biċċerija (250-480 $m^3/t$). Meta titqiegħed flimkien il-materja prima differenti tal-bijogass ikun hemm produzzjoni mixtieqa ta' 120 $m^3/t$. L-ipproċessar tad-demel ta' l-annimali u t-teknoloġiji tal-bijogass fihom elementi konġunti, għalhekk ikun aħjar li jintrabat l-appoġġ għall-impjanti tal-bijogass flimkien ma' l-ipproċessar tad-demel ta' l-annimali, filwaqt li tintuża materja prima oħra bħall-iskart organiku u prodotti ta' l-enerġija mhux ta' l-ikel. L-unitajiet tad-diġestjoni konġunta

huma kapaċi li jittrattaw tipi differenti ta' skart fl-istess ħin, prinċipalment demel likwidu u solidu imħallta flimkien ma' diversi skart organiku.

Il-produzzjoni profittabbli tal-bijogass hi negattiva kemm fil-każ ta' impjanti tal-bijogass tar-razzett ta' l-iskala kif ukoll ta' l-impjanti ċentralizzati. Id-dħul finanzjarju jinkludi l-valur tal-bijogass fil-forma ta' sħana u ta' elettriku u l-valur ta' żieda fil-'field effect' tan-nitroġenu fid-demel tal-bhejjem. Impjanti akbar tal-bijogass li jirċievu l-bijomass esternament għandhom il-possibilità ta' dħul addizzjonali mill-valur tal-fertilizzant ta' N, P u K, mill-valur tal-"gate fees", u mill-valur tar-riduzzjoni tas-CO2. F'uħud mill-Istati Membri ta' l-UE l-impjanti tal-bijogass għandhom il-possibilità li jiġġeneraw dħul mill-bejgħ ta' Ċertifikati ħodor. Fir-rigward ta' spejjeż ta' investiment u dawk operattivi, huma t-tnejn konsiderevoli.

Il-profittabilità u l-kompetittività ta' l-impjant tal-bijogass jiġu determinati l-aktar mill-prezz tal-bejgħ tal-produzzjoni ta' l-elettriku (normalment stabbilita mill-istat). Fl-Ungerija, per eżempju, il-prezz tal-green-electricity hu stabbilit għal 0,09 EUR kull k Wh (kilowatt kull siegħa) għal sorsi ta' enerġija rinnovabbli, mentri fil-Ġermanja - bil-bonuses possibbli - il-prezz hu ta' madwar 0,2 EUR kull kWh - id-doppju ta' dak ta' l-Ungerija, waqt li l-prezzijiet bl-ingrossa huma kważi l-istess. Il-prezz tal-bejgħ stabbilit mill-istat hu għalhekk f'ħafna każi insuffiċjenti għas-sostenibilità tal-produzzjoni tal-bijogass.

L-evalwazzjoni turi li l-valur tas-$CO2_e$ jista' jibbilanċja l-ekonomija ta' l-impjanti tar-razzett ta' l-iskala, u jkopri kważi nofs it-telf ekonomiku ta' l-impjanti ċentralizzati. It-tneħħija ta' l-ispejjeż ta' tranżizzjoni għall-kummerċ tas-CO2e mhux biss ikollha benefiċċji għall-profittabilità tal-produzzjoni tal-bijogass, imma wkoll għall-kontijiet nazzjonali għall-produzzjoni tas-CO2e.

Madankollu, profitabbilità negattiva turi biċ-ċar li l-produzzjoni tal-bijogass mhix vijabbli mingħajr għajnuna konsiderevoli minn sorsi finanzjarji Ewropej u nazzjonali. Għandhom jiġu inkoraġġiti investimenti permezz ta' miżuri varji, inklużi fondi ta' żvilupp reġjonali u rurali ta' l-UE. Il-fattur ewlieni hu, madankollu l-prezz tal-"green-electricity" stabbilit mill-istat, li jeħtieġ li jkun magħmul b'mod li jiżgura sostenibilità u jagħixxi bħala inċentiv reali. Madankollu, dawn ir-risorsi Ewropej u nazzjonali għandhom jintefqu b'mod għaqli. Kull appoġġ finanzjarju għall-istallazzjonijiet tal-bijogass għandhom ikunu bbażati fuq l-effiċjenza, l-iżvilupp tekniku u l-bilanċ pożittiv tal-gass b'effett serra u ta' vantaġġi ambjentali oħra ta' l-istallazzjonijiet.

## IV. Il-ħtieġa ta' direttiva ġdida għall-bijogass u evalwazzjoni tal-leġiżlazzjoni

Il-leġiżlazzjoni ta' l-UE kif ukoll dik nazzjonali għandhom jiġu reveduti sabiex jiffaċilitaw it-twaqqif u t-tħaddim ta' l-impjanti tal-bijogass fl-UE kollha:

- L-ewwel u qabel kollox, hi meħtieġa direttiva ta' l-UE dwar il-produzzjoni tal-bijogass, b'miri speċifiċi għas-sehem tal-bijogass agrikolu fi ħdan il-mira tal-produzzjoni ta' l-enerġija rinnovabbli, l-elementi statistiċi, miżuri għall-kostruzzjoni u l-promozzjoni ta' l-istallazzjonijiet tal-bijogass ibbażati fuq evalwazzjoni ta' l-impatt nazzjonali u reġjonali, miżuri biex jiġu mxerrda u promossi r-riżultati miksuba mill-esperjenzi ta' qabel, sejħa għall-ippjanar nazzjonali u reġjonali sabiex jiġu limitati l-ostakoli legali u amministrattivi, u rakkomandazzjonijiet għal-livell minimu u mekkaniżmu ta' aġġustament annwali ta' ħlas għall-"green-electricity" u l-"green gas".

- Il-leġiżlazzjoni dwar l-użu ta' residwi mill-istallazzjonijiet tal-bijogass għandhom jigu riveduti.
- Tiġi kkunsidrata projbizzjoni ta' sustanzi għal tkabbir mgħaġġel fl-għalf ta' l-annimali li jkollu metall tqil jekk dan se joħloq problema fl-Ewropa biex aktar tard jintużaw ir-residwi tal-bijogass fl-għelieqi.
- L-infurzar effettiv tad-Direttivi IPPC u tan-Nitrati huwa kruċjali, flimkien mad-Direttiva dwar il-Ħama tad-Drenaġġ, id-Direttiva Qafas dwar l-Ilma, id-Direttiva dwar l-Għasafar, id-Direttiva ' Habitat' u l-leġiżlazzjoni dwar il-Ħadid Tqil.
- Teħtieġ strateġija li tinkludi l-istallazzjonijiet tal-bijogass fil-mekkaniżmu ta' Kyoto.
- Teħtieġ leġislazzjoni fl-UE li tiżgura li l-bijogass - imtejjeb għall-kwalità ta' gass naturali - jista' jiġi mgħoddi fin-netwerk tal-gass naturali.
- Jeħtieġu proposti għal aktar titjib fl-użu ta' prodotti sekondarji ta' l-annimali u tal-prodotti agrikoli għall-bijogass kif imħabbar fil-'pjan ta' azzjoni Biomass'.
- L-Istati Membri għandhom jinkludu l-bijogass fl-evalwazzjoni ta' nofs iż-żmien dwar il-programmi ta' żvilupp rurali u reġjonali eżistenti u jipproponu azzjonijiet għall-futur. Strateġiji għall-Żvilupp Rurali, inklużi l-proġetti LEADER għandhom ifasslu xenarji ta' żvilupp għall-utilitajiet tal-bijomass u tal-bijogass;
- Il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport koerenti dwar il-produzzjoni tal-bijogass Ewropew lill-Parlament Ewropew sal-15 ta' Diċembru 2008 waqt li tqis il-proposti msemmija hawn fuq u l-progress li sar;
- Għandhom isiru sforzi sabiex jiġu ffinanzjati r-riċerka, l-iżvilupp u d-dimostrazzjoni.

L-abbozz kien diskuss ukoll ma' esperti indipendenti u ma' l-amministrazzjonijiet ta' l-Istati Membri li għenu sew biex jiġu ċċarati ċerti aspetti tal-politika futura dwar il-bijogass.